MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2010

Citazzjoni Numru. 176/2010

Roberto Carlos **CALLEJA**

vs

**ANNOT COMPANY LIMITED (C-23071)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta’ Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija eżekutata (minn issa ’l hemm imsejħa “Annot”) talbet li din il-Qorti tħassar għal kollox il-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq imsemmi maħruġ kontriha fil-15 ta’ April, 2008, fuq talba tal-intimat eżekutant, u dan sabiex bil-ħruġ tal-imsemmi Kontro-Mandat, l-istess Annot tkun tista’ tikseb il-ħruġ ta’

garanzija bankarja biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-atti tal-kawża li huwa fetaħ kontriha[1];

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant, bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talba tal-eżekutata Annot;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutant fis-16 ta' April, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għat-talba ta' Annot billi qalu li r-rikors ma jiswiex għaliex Annot naqset li ssemmi taħt liema waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 836 (tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) kienet ressqet it-talba tagħha. Minbarra dan, żied jgħid li lanqas kieku kellu jgħodd l-imsemmi artikolu, r-raġuni miġjuba 'l quddiem minn Annot ma taqa' taħt l-ebda waħda mis-sitt kawżali li jaħseb għalihom l-imsemmi artikolu tal-liġi. Itemm b'sensiela ta' mistoqsijiet "retoriċi" biex juri li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha tilqa' t-talba tal-eżekutata Annot;

Rat l-atti kollha rilevanti, magħduda dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni li għalihom jirreferu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Biha, Annot trid li l-Qorti tħassar l-effetti ta' Mandat ta' Inibizzjoni (fejn il-kreditu jaqbeż € 11,646.87) maħruġ kontriha fil-15 t' April, 2008, rigward żewġ proprjetajiet tagħha f'San Ġiljan, b'kawtela tal-kreditu vantat mill-eżekutant fl-atti tal-kawża li huwa fetaħ kontra tagħha. Ir-raġuni waħdanija li Annot ġabet biex issejjes din it-talba hi li jekk kemm-il darba jinħareġ il-Kontro-Mandat, hija tkun tista' tikseb garanzija bankarja tajba biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-istess kawża;

[1] Rik. Nru. 271/08JRM

Illi fit-Tweġiba tiegħu, l-eżekutant iwarrab din l-istedina u jistieden lill-Qorti biex ma tilqagħhiex lanqas għaliex jgħid li talba bħal dik m'hijiex waħda li saret sewwa u tħalli l-bieb miftuħ għal bosta mistoqsijiet li għalihom ma tingħatax tweġiba dwar il-garanzija tal-ħarsien li l-Mandat bħalissa jagħtih;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> tajjeb li jingħad li Annot ma ssemmi l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li dwarha hija tressaq it-talba tagħha. Ġeneralment, meta debitur eżekutat f'Mandat irid ineħħi l-effetti ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tiegħu, jista' jagħżel li jressaq garanzija bankarja bil-mezz ta' ċedola taħt l-awtorita' ta' Qorti u, minnufih wara, jitlob (u jikseb) il-ħruġ ta' Kontro-Mandat. F'dan il-każ, Annot qiegħda titlob lill-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju (Mandat ta' Inibizzjoni) biex b'hekk, u minnufih wara, tkun tista' tikseb faċilita' biex biha tinħareġ garanzija bankarja li hija tkun tista' tressaq biex tħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-istess Mandat;

Illi jidher li t-talba ta' Annot timplika sejħa taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ma hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li titkellem dwar rimedju għat-tħassir ta' Mandati kawtelatorji. Kif ingħad, Annot ma ssemmi taħt l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba minn dak l-artikolu hija qiegħda tressaq din it-talba tagħha. L-eżekutant, fid-dawl ta' dan il-fatt, jisħaq in-nuqqas ta' siwi tar-rikors innifsu, billi r-raġuni għat-tħassir tal-Mandat trid tintalab mill-parti eżekutata li tippretendi t-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha. Dwar dan, l-eżekutant għandu raġun;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-

Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[2];

Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m'għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanza waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

Illi meta wieħed jifli sewwa r-rikors li għandha quddiemha l-Qorti f'dan il-każ, wieħed isib li l-eqreb li wieħed jista' jasal għall-imsemmija kawżali huma dawk maħsubin fil-paragrafi (ċ) u (e) tal-imsemmi artikolu 836(1) tal-Kodiċi;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[3]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li llum il-ġurnata jagħmlu parti minn kawża li għadha trid tinstama' minn Qorti. Għalhekk, l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[4];

Illi dwar (A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, Annot tgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-eżekutant tinsab fil-ħruġ ta' garanzija bankarja minn wieħed mill-

---

[2] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***
[3] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[4] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

banek sekwestratarji hekk kif jitneħħa l-irbit maħluq fuq il-ġid tagħha bis-saħħa tal-Mandat;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[5]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[6]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[7]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[8];

Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li jduru mal-każ, wieħed isib li l-garanzija li Annot tixtieq tressaq u lesta li tressaq hija fil-qagħda attwali xejn aktar minn **wegħda**. Il-Qorti, filwaqt li ma ssib xejn ħażin f'offerta bħal din, ma tistax taċċetta li din hija ekwivalenti għal garanzija oħra **eżistenti** għaliex hija biss offerta. Kif ingħad qabel, il-garanzija alternativa għandha titfittex f'ħaġa tanġibbli fil-patrimonju tal-parti eżekutata li tkun disponibbli, u mhux fuq sempliċi wegħda. Din il-Qorti ma tistax timponi din l-offerta fuq l-eżekutant, għalkemm temmen li, kieku hemm qbil, hija proposta għaqlija u fattibbli. L-eżekutant, għal

---

[5] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[6] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[8] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

raġunijiet li huwa jelenka fin-Nota tiegħu, jgħid li wkoll kieku kellu jilqa' l-offerta, ma hemm xejn x'iżomm lil xi kreditur ieħor ta' Annot li jidħol fin-nofs u jħarbat l-arranġament kollu. Fi kliem ieħor, l-eżekutant jgħid li lanqas Annot innifisha ma hija f'qagħda li tikkontrolla t-twettiq tal-wegħda tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

B) Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ). Fis-sewwa jingħad li din il-kawżali tgħodd anqas minn ta' qabilha, għaliex wegħda ma tista' qatt tissarraf f'għotja attwali, kif irid dan il-paragrafu tad-dispożizzjoni tal-liġi;

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti eżekutata Annot Company Limited, bl-ispejjeż.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------